# Il-Fided tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu

## *It-Tielet Parti*

**Emmanuel Magro Conti**

Sentejn ilu bdejna naraw parti mill-patrimonju għani li għandha l-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta li taf il-bidu tagħha fl-1622 meta ġiet imwaqqfa ġewwa l-knisja tal-patrijiet Karmelitani ġewwa l-istess belt. Rajna l-ammont sostanzjali ta' fided li għandha din il-fratellanza li jintrama' fuq l-artal tal-Kurċifiss magħruf bħala ta' Sant' Anjeże u fided oħra bħal Relikwarji, Sfera, *Lava Dita,* is-Sasla u l-Aspegis, il-Missal, Lampier kurjuż ferm, eċċ. Kull bidu għandu tmiem u din is-sena nagħlqu din it-titwila lejn l-opri magħmulin mill-fidda ta' din il-fratellanza, li taħt il-ħarsien tal-Verġni Omm il-Karmelu għadha attiva taħt it-tmexxija tar-Rettur Dr Mark Agius. Din is-sena kif kont tgħarraft is-sena l-oħra, ser naraw l-opri fil-fidda li jintużaw fil-purċissjonijiet u biċċtejn fided oħra li huma storiċi.

Kif għamilna s'issa, se nibda mill-aktar oġġett antik tal-fidda. Kull fratellanza jkollha dak li jissejjaħ Standard li jkun bħal bandiera li bil-preżenza tiegħu juri liema fratellanza ser isegwih. Id-drapp ġeneralment ikun damask bir-rakkmu tad-deheb li juri l-arma tal-fratellanza u disinji dekorattivi oħrajn. Biex jinżamm, l-istandard irid ikollu l-bastun tal-injam li l-parti ta' isfel tiegħu tkun miksija bil-fidda u l-parti ta' fuq però tibqa' injam biex tirċievi l-bokkin twil tad-damask meħjut fil-ġenb tal-istandard. Fil-każ tagħna, dan il-bastun hu twil 390cm li minnhom 212cm huma miksija bil-fidda f'forma ta' kannen li l-irjus tagħhom jidħlu ġo xulxin. L-unika marka li tidher fuq il-biċċiet kollha hija dik tas-salib bi tmien ponot tal-Ordni ta' San Ġwann fuq l-ittri MA li hija l-marka tal-Konslu tal-arġentiera Maltin ta' żmien il-Gran Mastru Raymundu Perellos Y Roccaful (1697-1720). Għandu bżonn ta' restawr imma mhux imminenti u meta jsir dan allura jkun żarmat forsi nkunu nistgħu naraw aktar marki, l-aktar dawk tal-arġentier.



Il-lasti tal-istandard u l-lanterni

Tal-istess għamla u fattura huma l-par lasti tal-par lanterni li jakkumpanjaw il-kurċifiss tal-Fratellanza. Huma maħduma l-istess bħall-bastun tal-istandard b'tul ta' 177cm, kollha miksija bil-fidda. Għandhom l-istess marki bħal tal-bastun tal-istandard u għalhekk huma tal-istess perjodu ta' żmien il-Gran Mastru Perellos.

Il-par lanterni huma biċċa xogħol meraviljuża. Jitpoġġew fuq il-lasti li għadna kif semmejna

biex fil-purċissjoni jakkumpanjaw il-kurċifiss tal-Fratellanza. Stajt nara marka waħda biss li bilkemm tidher fuq waħda mil-lanterni u li hija mħassra sew speċjalment fit-truf u forsi parti minnha mitlufa għal kollox u li issa tidher biss bħala salib bi tmien ponot fuq l-ittra M. Naħseb li ħdejn l-ittra M kien hemm ittra oħra, dik A, imma llum imħassra totalment bit-tindif jew meta ġiet ippunzjonata ma ħarġitx sew. Il-perjodi li fih kienet tintuża din il-marka kif salvat u deskritta hawn fuq, kien fi żmien il Gran Mastru Jean de Valette (1557-1568). Il-marka kif nissopponi li kienet, jiġifieri salib bi tmien ponot fuq l-ittri MA, kienet tintuża sa minn żmien il-Gran Mastru Pietro Del Monte (1568-1572) sal-Gran Mastru Emmanuel Pinto de Fonseca (1741-1773) b'diversi tipi/modi matul is-sekli. Stilistikament, wieħed jikkonkludi li dawn il-lanterni saru fis-seklu sbatax jew bidu tas-seklu tmintax forsi mal-lasti tagħhom. Il-forma barokka ristretta tagħhom, hija pjuttost akkademika imma mimlija dekorazzjoni żbalzata b'weraq, arzell eċċ.. Kien ikun fihom erba' kristalli kull waħda, illum ħġieġ, biex ix-xemgħa tidher tnemnem. Fuq nett, bħala finial, għandhom l-arma l-antika tal-Fratellanza u tal-Knisja, dik tal-ġilju fi skudett taħt kuruna



miftuħa. Għandhom bżonn ta' restawr u forsi matulu, wara li jkunu żarmati, joħorġu aktar marki u nkunu infurmati aħjar.



Takkumpanja ċ-ċensier insibu n-navetta li fiha jkun hemm l-inċens. Meta l-inċens jitpoġġa ġewwa ċ-ċensier fuq il-faħma taqbad, dan l-inċens jinħaraq u b'hekk naraw id-duħħan u nxommu dik ir-riħa tfuħ li tippurifika l-arja u bil-ġesti taċ-ċensier nagħtu qima lill-artal imqaddes, lis-salib, lill-konċelebranti u l-poplu ta' Alla mistieden għas-sagrifiċċju tal-Ewkaristija. Għaliex ngħidulha navetta? Navetta hija bit-Taljan li tfisser bastiment żgħir, l-għamla tagħha żgħira għalhekk fid-diminuttiv. Il-bastiment huwa simbolu ta' Kristjaneżmu bikri wkoll bħalma kienet ix-xbieha tal-ħuta. Kienet saret drawwa li merkanti, baħrin eċċ. li jmorru lejn il-Lvant u jiġu lura qawwijin u sħaħ f'darhom fl-Ewropa, bħala ringrazzjament kienu joffru l-inċens. L-inċens jinstab f'ħafna tipi, minn dak komuni għal dawk rari. Huwa prodott ta' ċertu siġar, dik li ġeneralment insejħula gomma. Mhux kull gomma tas-siġar wara li tiġi mnixxfa u wara maħruqa tkun tfuħ, għalhekk ir-rarità tal-inċens proprju tal-Lvant mbiegħed. Huwa simbolu tar-rejiet. Biżżejjed niftakru f'wieħed mir-rigali tas-Slaten Maġi lil Sidna Ġesù. Dejjem ridt għadd ġmielu ta' flus biex tixtrih ġeneralment mingħand merkanti Għarab – Musulmani. Ma kienx hemm donazzjoni isbaħ ta' ringrazzjament minn dawn tal-baħrin, merkanti, eċċ. lil xi knisja, isbaħ milli tagħtiha l-inċens. Imma ried jiġi ppreżentat f'xi ħaġa sabiħa għax kien prezzjuż. U hawn daħlet id-drawwa tan-navetta b'forma ta' bastiment għax dawn il-baħrin, merkanti, eċċ fuq bastiment kienu marru u reġgħu lura f'darhom.

Irridu niftakru li dak iż-żmien, l-inċens kien ferm aktar għali min-navetta tal-fidda!






In-Navetta tal-Fratellanza tal-Karmnu hija ta' din it-tipoloġija. Ir-reċipjent mimli bl-inċens qisu bastiment bil-gverta tinfetaħ biex iċ-ċelebrant ikun jista' jtella' ftit inċens bil-kuċċarina. Din tistrieħ fuq sieq elaborat xi ftit, imma id-disinn huwa pjuttost ristrett ħafif ħafif, inċiż b'forma ta' arzell u disinji ħfief oħra u bi fjura bħal finiment fin-nofs magħmula bil-forma. Dan l-element juri daqsxejn ta' self mill-istil Barokk speċjalment fil-parti ta' fuq imma xi ftit imżewwaq bl-istess neo klassiku imma xejn pur, speċjalment fis-sieq. Sfortunatament, il-marki huma mħassra sew bit-tindif imma tidher xogħol ta' argentier Malti. Għandha din l-iskrizzjoni minquxa fuq l-għatu tagħha ġewwa arzella mnaqqxa:

**DONO**
**DEL RETTORE**
**F. GIOV. ARTAU**
**1806**

Din tfisser li din in-navetta ġiet mogħtija mir-Rettur tal-Fratellanza Fra Giovanni Artau fl-1806. Dan ir-Rettur kien ta b'donazzjoni, oġġett ieħor li qabel ma ngħidu min kien dan ir-Rettur ikun aħjar li naraw id-donazzjoni l-oħra tiegħu.

Dan hu Platt fond ovali mdaqqas, sabiħ immens u xejn anqas, l-arma mnaqqxa fuqu ta' Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann, kompluta bis-salib ta' tmien ponot li għandu din l-iskrizzjoni mnaqqxa fuqu:

**DONO DEL RETTORE F. GIOV. ARTAU**
**1809**

Din tfisser li dan il-platt ġie mogħti mir-Rettur tal-Fratellanza Fra Giovanni Artau fl-1809. Mhuwiex fidda Maltija għax it-tliet marki li għandu fuqu ma humiex tal-fidda Maltija u huma aktarx Franċizi. Dan it-tip ta' platt ġieli jiġi msejjaħ Baċil u ġeneralment kien ikun akkumpanjat minn Buqar għall-ilma biex iċ-ċelebrant jaħsel idejh permezz tal-ilma mill-buqar li jinżel fil-baċil qabel ma jersaq għas-sagrifiċċju tal-Ewkaristija.



Dan Artau kien kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann li baqa' Malta tul iż-żmien imqalleb tal-ħakma Franċiża f'Malta, ir-rewwixta tal-Maltin, il-wasla u l-għajnuna tal-Ingliżi u l-ewwel żmien tal-Ingliżi f'Malta. L-Ordni kien għadu jrid jieħu lura Malta u kemm it-trattat ta' Pariġi u xi Maltin riedu li jseħħ dan. Forsi l-Kavallier Artau ried ifakkar lill-Maltin fil-benefiċjenza tal-Ordni f'Malta jew kienu ġest ta' fidi. Min jaf, hija ħaġa mistura fl-istorja. Għalhekk, possibilment, din in-navetta u dan il-platt li tkellimna fuqhom, mogħtija mir-Rettur tal-fratellanza l-Kavallier

Artau huma l-aħħar donazzjonijiet li saru minn Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann lil xi knisja f'Malta jew Għawdex.

Iċ-ċensier tal-Fratellanza huwa ferm interessanti minħabba marka tal-fidda li għandu fuqu. Xejn barra min-normal bħala daqs u disinn li huma żbalzati b'għadd ta' disinji arabeski. Għandu din l-iskrizzjoni fuqu li tgħid hekk:

**DONO DEL CONF.LO DOMENICO CAMILLERI<br>ALLA CON.TA DELLA<br>B.V.M. DEL CARMINE VALLETTA<br>1811**



Din tfisser li dan iċ-ċensier ġie mogħti mill-fratell Domenico Camilleri lill-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta fl-1811. Marka waħda li tidher fuq dan iċ-ċensier hija dik li turi ċerv fuq l-ittra F. Din tfisser li l-fidda użata f'dan iċ-ċensier hija ta' 950 millims minn 1000, f'kelma waħda, aħjar minn dik Ingliża Sterling li hija 925 minn 1000 millims u li kienet magħrufa bħala fidda Franċiża, għalhekk bl-ittra F. Interessanti l-fatt li din il-marka kienet ġiet introdotta mis-Civil Commissioner Lt. Gen. Sir. Hildebrand Oakes (1810-1813) fl-1 ta' Ottubru 1810 fi żmien meta Malta kienet pjuttost għal rasha, bl-Ingliżi jipproteġuha filwaqt li l-Ewropa, speċjalment ir-Renju taż-żewg Sqallijiet, l-Ingilterra, Franza u xi ftit l-Ordni ta' San Ġwann, jillitikaw mhux ftit dwar x'se jiġri b'Malta. Din il-marka baqgħet tintuża fuq il-fidded Maltin sal-1 ta' Frar 1820.

Is-salib tal-Fratellanza li jintuża għall-purċissjonijiet, huwa sabiħ immens. Huwa xogħol tal-aħħar tas-seklu dsatax/bidu tal-għoxrin. Is-salib proprju huwa tqil mhux ħażin għax huwa tal-injam tal-abbanu, injama sewda, ferm tqila li ma tiggalleġġjax f'wiċċ l-ilma bħal injam ieħor, imma tinżel taħt wiċċ l-ilma u saħansitra tegħreq. Ftit huma x-xogħlijiet fl-abbanu bħalma hu dan is-salib ġewwa Malta, minħabba l-fatt li dan l-injam huwa rari u ferm għali biex jinxtara. L-abbanu jippermetti li jiġi illustrat ferm imma jrid ikollok għodda u idejn tajbin biex taqtgħu u tiskulturah kif inhu l-każ ta' dan is-salib.

Hemm tliet tipi ta' abbanu li jikbru ġewwa l-Indja u fis-Sri Lanka, fl-Afrika u fl-Indoneżja. Dan is-salib huwa magħmul possibilment jew mit-tip *Diospyros ebenum,* li jikber fl-Indja u fis-Sri Lanka, jew mit-tip *Diospyros crassiflora*, magħruf bħala abbanu Afrikan (jew tal-Gabon, jew tal-Benin jew tal-Afrika tal-Punent). Jixxiebħu ferm, imma peress li l-Indja kienet taħt l-Ingliżi bħal Malta, wisq probabbli li dan sar minn abbanu li ġie mill-Indja.

Hawn għadd ta' għamara, speċjalment Franċiża bħalma hu il *Boulle,* li ġiet hekk imlaqqma għal wara Charles Andre Boulle (1642-1732), li kien disinjatur u ebbanista tal-għamara għar-Re ta' Franza, li tkun magħmula mill-abbanu. Dan Boulle vvinta tip ta' għamara bl-abbanu intarzjat bir-ramm u bil-qoxra mogħtija kulur aħmar tal-fekruna tal-baħar b'disinnji tal-*ormolu* moghtija d-deheb permezz tal-merkurju. Ħafna mill-injam ta' din l-għamara ma jkunx abbanu imma mogħti l-kulur iswed. L-ewwel li tkun taf jekk hux veru abbanu jew le mit-toqol tal-għamara apparti spezzjonijiet oħra.










Mit-tul totali ta' dan is-salib li huwa ta' 250cm b'wiesgħa ta' 108cm u mill piż tiegħu, ma jħalli l-ebda dubju li huwa abbanu veru. Il-vini densa tal-injam kważi ma jidhrux huma indikatur ieħor. Ma nsibu l-ebda marki fuq il-korp ta' Ġesù mejjet, fuq il-finementi, l-INRI u fuq ir-ras ta' mewt. L-awtur ta' dawn mhux magħruf imma kemm id-disinn kif ukoll il-fattura jista' jkun li huma lokali. Dawn għandhom ċertu toqol li jindikaw li huma ramm ibbanjat bil-fidda. Irridu ngħidu li bejn l-aħħar tas-seklu dsatax/bidu tal-għoxrin meta sar dan is-salib, it-teknika tal-*electroplating* kienet novità interessanti ħafna għall-pubbliku daqs kemm kienu l-magni ta' kull ġeneru u jista' jkun li saru b'din it-teknika apposta minħabba f'hekk mhux għax ma kienx hemm flus. Għad irridu neżaminaw dawn il-biċċiet aktar fid-dettall. Ir-raġġi però huma fidda Maltija. Kull biċċa hija mmarkata bis-salib ta' Malta li juri l-purezza tal-fidda bħala 11 il-denier minn skala ta' tnax u bin-numru 36 li juri li saru fis-sena 1892. Marka oħra li tidher hija dik tal-arġentier CM jew GM (li sfortunatament f'kull biċċa ma humiex cari) li tista' tkun ta' dawn l-arġentiera: Carlo Mifsud (liċenzjat bħala arġentier fl-1857), Giovanni Manchè (1857),

Giuseppe Meli (1881) jew ta' Giovanni Mamo (1888). Li hu żgur hu l-fatt li l-aktar ħaġa rikka f'dan is-salib huwa l-injam tal-abbanu, xejn komuni fil-kuntest Malti.

Il-Kruċetta tal-istandard hija ta' provenjenza mħallta. Is-salib mhux tal-fidda, jidher li huwa xogħol Taljan ibbannjat bil-fidda. Il-kumplament huma fidda imma l-marki ma jidhrux. Flok is-solitu boċċa taħt is-salib insibu ornament ottagonali u fuq kull wiċċ insibu kerubin. Jidher li huma xogħol Malti tal-bidu tas-seklu għoxrin. X'sar mill-kruċetta l-antika ma nafux. Povri kruċetti, kemm-il darba jaħbtu jew jinqabdu ma' ventijiet eċċ. fit-toroq waqt il-purċissjonijiet u jista' jkun li l-kruċetta l-antika ġarrbet xi ħsarat u ġiet mibdula.



Il-Medaljun tar-Rettur preżenti jidher li huwa xogħol fil-fidda tal-bidu tas-seklu għoxrin, imma l-ebda marka tal-fidda ma tidher. L-arma hija dik tal-*Monte Carmeli,* fonduta u ċiżillata, immuntata fuq *Nome di Maria*, fonduta wkoll kollox ġo gwarniċ fondut tond, b'ornament ta' żigarella żbalzat in-naħa ta' fuq. Il-Medaljun l-antik tar-Rettur huwa fuq stil Barokk, kollox żbalzat li juri rendizzjoni tat-titular Santwarju tal-Madonna Tal-Karmnu tal-Belt Valletta bil-Madonna u l-Bambin jagħtu l-labtu, imdawwrin b'girlanda ta' weraq u fjuri. Jidher li xi darba kien ibbannjat bid-deheb. Sfortunatament ma jidhrux marki tal-fidda imma l-istil ta' din id-domna huwa pjuttost Taljan.





Jekk Alla jrid, is-sena d-dieħla, naraw xi affarijiet oħra, veru mhux tal-fidda imma xorta waħda prezzjużi u interessanti li għandha din il-Fratellanza.